# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT
## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

**Seduta ta' nhar il-22 ta' Frar, 2002**

**Numru 32**

**Avviz numru 639/01DM**

**Maruti Motors Limited**

**vs**

**Joseph Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' hames mitt lira u ghaxar centezmi (Lm500.10c) liema somma hija dovuta skond hdax (11) il-kambjala iffirmati mill-istess konvenut li kopja taghhom gew esebiti, liema kambjalijiet skadew izda baqghu ma thallsux, nononstante li hu gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 2 ta' Mejju 2001 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikat imsejjah tliet darbiet ma deherx la biex jikkontesta it-talba attrici u lanqas fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkondanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' hames mija liri maltin u ghaxar centezmi ghar-ragunijiet indikati fl-avviz;

Bl-imghaxijiet legali b'effett ta' kull skadenza ta' kull kambjala; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

B'dan illi l-atturi jridu jipprezentaw il-kambjalijiet orignali permess ta' nota fir-registru sa zmien hmistax mill-gurnata tallum.

A. Farrugia
Dep.Reg.

va